MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 365/2003

**EXPRESS FREIGHTS LIMITED**

**Vs**

**EURO IMPORTS LIMITED**

Il-Qorti,

Rat l-atti tac-citazzjoni li biha s-socjeta' attrici ippremettiet illi s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici s-somma bilancjali ta' hamest'elef, tmin mija tlieta u hamsin liri, u tlieta u sebghin centezmi Maltin (Lm5,853.73) dovuta bhala noll ghall-garr ta' merkanzija, spejjez u servizzi ohra relatati rezi mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta, u dan skond ir-rendikont datat tmienja (8) ta' April, tas-sena elfejn u tlieta (2003) hawn anness u mmarkat bhala Dokument (C) ;

Ippremettiet illi minkejja li s-socjeta' attrici interpellat lis-socjeta' konvenuta u widbitha, kemm verbalment u anke bil-miktub (*vide* l-korrispondenza hawn esebita u mmarkata Dokumenti A u B) sabiex tibda' thallas l-ammont dovut minnha, is-socjeta' konvenuta xorta baqat inadempjenti;

U ppremettiet illi fil-fehma tas-socjeta' attrici, dan id-dejn huwa veru, cert, likwidu u dovut u s-socjeta' konvenuta ma ghandiex eccezzjonijiet xi ggib ghat-talba ta' hlas tas-socjeta' attrici;

U ppremettiet li, ghalhekk dan jaghti d-dritt lis-socjeta' attrici tipprocedi kontra s-socjeta' konvenuta bi procediment sommarju specjali kif provdut fl-artikolu 167 *et sequitur* tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif fil-fatt qieghda taghmel;

Talbet ghalhekk biex tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandiex dina l-Qorti:

1. Tiddiciedi skond it-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ghat-tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; u

2. Tikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hamest'elef, tmien mija tlieta u hamsin liri, u tlieta u sebghin centezmi Maltin (Lm5,853.73) prevja dikjarazzjoni li, ghar-ragunijiet premessi, din is-somma hija dovuta mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment ma' dina c-citazzjoni u bl-imghax kummercjali mid-dati ta' fatturi rispettivi skond ir-rendikont hawn anness u mmarkat Dokument (C) kontra s-socjeta' konvenuta li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w'in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li ghalkemm fis-seduta tas-27 ta' Novembru, 2003, inghatat il-fakolta' li tikkontesta l-kawza u gie prefiss terminu ta' ghoxrin jum minn dak in-nhar biex tressaq in-nota ta' eccezzjonijiet taghha, naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------